MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 392/2006/1

**Untours Insurance Agents Limited**

**vs**

**Silvio Magro u Joanne Magro**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Jannar, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet illi l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) rapprezentanti 'excess' fuq 'claim' ta' assikurazzjoni ta' vettura, oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali taht l-artikolu 166A tal-Kap

12, tal-15 ta’ Frar 2006, u l-mandat ta’ qbid prezentat sussegwentement ghal din it-talba.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni u l-provi migjuba fil-kawza.

Sema’ x-xhieda ta’ Raymond Schembri prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra r-rikors tal-konvenut Silvio Magro tas-6 ta’ Gunju 2007.

Ra d-Digriet tieghu tas-6 ta’ Gunju 2007.

Ra r-risposta tas-socjeta’ attrici tal-10 ta’ Settembru 2007.

Ra d-Digriet tieghu tal-19 ta’ Settembru 2007.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Silvio Magro pprezentata minnu fis-16 ta’ Ottubru 2007.

Sema x-xhieda tal-konvenut Silvio Magro.

Ra n-nota ta’ l-osservazzjonijiet tas-socjeta’ attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Mejju 2008.

Sema t-trattazzjoni finali ta’ l-avukat tal-konvenuti.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra.

Illi permezz ta’ din il-kawza, s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenuti ta’ l-ammont ta’ LM350 rapprezentanti ‘excess’ fuq ‘claim’ ta’

assikurazzjoni ta’ vettura. Illi mix-xhieda ta’ Raymond Schembri li xehed in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, irrizulta li l-‘claim’ in kwistjoni tirrisali ghal incident awtomobilistiku li gara fit-13 ta’ Settembru 1999. L-istess xhud ikkonferma illi l-‘excess’ ghal dan il-‘claim’ ma kienx thallas izda meta eventwalment kien sar hlas da parti tal-konvenut fir-rigward ta’ ‘claim’ iehor, dan erronjament kien gie allokat lill-‘claim’ in kwistjoni, u kien biss xi sentejn wara meta ndunaw bl-izball, illi s-socjeta’ attrici regghet allokat il-hlas kif suppost u harget invoice ghall-‘claim’ in kwistjoni. Ix-xhud xehed ukoll illi d-dokumentazzjoni relattiva ghall-incident in kwistjoni ma tistax tinstab.

Illi in vista tal-kontenut tax-xhieda moghtija minn Raymond Schembri, l-konvenut deherlu li ghandu jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri fejn kien bi hsiebu jecepixxi l-preskrizzjoni, u ghamel talba f’dan is-sens. Ghab-bazi ta’ Digriet datat 19 ta’ Settembru 2007, il-konvenut gie awtorizzat sabiex jipprezenta tali nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Silvio Magro gie eccepit illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikoli 2156(f) u 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi sussegwentement pero, l-istess konvenut irtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tieghu in kwantu bbazata fuq l-Artikolu 2148(a), u zamm ferm biss l-eccezzjoni tieghu in kwantu hija bbazata fuq l-Artikolu 2156(f).

Illi l-artikolu 2156(f) jiddisponi hekk kif gej:-

*‘L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghal hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummerjali jew minn hwejjeg*

*ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.’*

Illi ma hemmx dubju li fil-kaz odjern il-kreditu huwa wiehed naxxenti minn relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, liema kreditu la jirrizulta minn xi att pubbliku u lanqas ma jaqa taht perjodu ta’ preskrizzjoni aqsar u ghalhekk huwa proprju dan l-artikolu tal-ligi li japplika fil-kaz odjern.

Illi minn mindu sehh l-allegat incident awtomobilistiku fit-13 ta’ Settembru 1999, sakemm sar xi att gudizzjarju li seta’ jinterrompi l-preskrizzjoni skond ma titlob il-ligi, effettivament ghaddew aktar minn hames snin, u ghalhekk jirrizulta illi t-talba attrici hija fil-fatt preskritta b’eghluq hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f).

Illi oltre dan, it-Tribunal ma jistax jaqbel mas-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli difensur tas-socjeta’ attrici fir-rigward tal-gurament decizorju li nghata lill-konvenut ai termini tal-artikolu 2160(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi meta xehed il-konvenut in subizzjoni, huwa rrisponda car ghad-domanda li saret mill-avukat tas-socjeta’ attrici, u ma kienx possibbli li jirrispondi mod iehor ghal dik id-domanda. Fil-fatt fuq id-domanda specifika jekk kienx hallas il-*claim form* in kwistjoni, l-konvenut irrisponda li huwa qatt ma ra l-*claim form* in kwistjoni u li huwa qatt ma hallas xejn fir-rigward ta’ l-istess *claim form*. Issa sakemm xhud ma jigix ppreparat minn qabel dwar ezattament kif ghandu jixhed, haga li zgur m’hijiex accettabbli li ssir, huwa suppost jirrispondi biss direttament ghad-domanda li ssirlu u xejn izjed, u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jippretendi li kellu jirrispondi mod iehor. Se mai, id-domanda kellha ssir mod iehor, u cioe kif titlob il-ligi fl-artikolu 2160(1) li qed ticcita l-istess socjeta’ attrici. Dan pero ma sarx.

> Ghalhekk, dan it-Tribunal ma jarax li hemm xi problema dwar l-ammissibilita’ ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut Silvio Magro, u ma jhossx li ghandu jirrespingi tali eccezzjoni.
>
> Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti, jichad it-talba attrici. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ attrici.**”**

Fis-sustanza tieghu l-appell tas-socjeta` attrici *di fronte* ghal din is-sentenza hu fis-sens illi meta l-konvenut Silvio Magro halef li ma hallas xejn dwar il-*claim form* il-konsegwenza legali kellha tkun illi l-preskrizzjoni qasira [Artikolu 2156 (f), Kapitolu 16] opposta minnu ma kellhiex ikollha effett. Skond is-socjeta` appellanti din il-qaghda kellha twassal biex tkun akkolta t-talba taghha;

Fis-semplicita` taghha l-kwestjoni li kellu quddiemu t-Tribunal kienet din. Il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Biex tikkumbatti din il-preskrizzjoni s-socjeta` appellanti ghazlet biex tiddeferixxi l-gurament lill-konvenut fit-termini ta’ l-Artikolu 2160 (1) ta’ l-istess Kodici. Dan jipprovdi illi “l-preskrizzjonijiet msemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m’ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li m’humiex debituri jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa”;

Il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn toqghod tirreplika l-elementi nozzjonali ta’ dan il-provvediment tal-ligi, anke ghaliex in mertu din il-Qorti kienet diga` okkupat ruhha dwarhom fid-decizjoni taghha tas-7 ta’ Dicembru, 2005 in re: “**Zammit & Cachia Trading Co Ltd *et* -vs- Francis Mizzi**”. Tillimita ruhha ghal konsiderazzjonijiet f’din is-

sentenza zvolti, b'zieda ta' din il-precizazzjoni generali illi "l-gurament huwa msejjah decizorju ghaliex meta d-debitur jaccetta li jiehdu u effettivament jahlef skond il-ligi allura l-kwestjoni li b'hekk giet rimessa ghall-kuxjenza tad-debitur giet deciza definitivament" ("**Inginjier Francesco Caruana -vs- Konti Francesco Sant Cassia *et nomine***", Appell Civili, 11 ta' Ottubru, 1940). Fi ftit kliem, l-uzu ta' dan il-mezz ta' prova (gurament decizorju) jikkondizzjona d-decizjoni in kwantu d-disposizzjoni relattiva tikkonsakra l-effikacja probatorja tal-gurament decizorju;

Dan premess, il-formula tal-gurament li l-attur-kreditur jista' jiddeferixxi lill-konvenut-debitur ghandha tikkorrispondi jew ghal dik illi dan ma huwiex debitur jew ghal dik l-ohra li l-pretiz debitur ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. Jinghad, fost osservazzjonijiet ohra, fis-sentenza fl-ismijiet "**Tabib Principali tal-Gvern -vs- Giorgina Muscat**", Appell Inferjuri, 8 ta' Marzu, 1978 per Imhallef Maurice Caruana Curran, illi "l-ghazla ta' wahda miz-zewg alternattivi moghtija fl-Artikolu 2265 (1) [illum 2160 (1)] tmiss lill-konvenut, avvolja jkun tellghu l-attur biex jixhed ...";

Issa l-kwestjoni centrali ta' dan l-appell hi dik li skond is-socjeta` attrici appellanti l-mistoqsija minnha posta lill-konvenut bil-gurament decizorju kienet fis-sens jekk hu jiftakarx li hallas il-*claim form* esebit a fol. 25 tal-process. F'dan l-istess kuntest tinsisti fuq il-bazi tal-gurisprudenza minnha citata – "**Giuseppe Caruana *nomine* -vs- Paolo Borg**", Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Ottubru, 1954 u "**Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru, 1955 – illi l-konvenut ma qaghadx ghal formula tal-gurament skond it-tieni alternattiva ta' l-Artikolu 2160 izda minflok wiegeb fit-termini ta' l-ewwel parti ta' l-istess artikolu, jigifieri li huwa ma kienx debitur. Ghas-socjeta` appellanti, il-konsegwenza ta' din ix-xorta ta' twegiba, mhix korrelata ghad-domanda taghha, kellha tkun dik illi l-preskrizzjoni eccepita ma kellhiex ikollha effett;

Mhemmx dubju illi skond il-gurisprudenza citata, u dik l-ohra hawn fuq rilevata mill-Qorti, deciza fit-8 ta' Marzu, 1978, il-procedura in materja "ghandha tinzamm fil-limiti stretti u guridikament 'antisettici' taghha". Dan fis-sens illi fejn il-gurament ikun gie deferit fit-termini precizi ta' certa formula l-konvenut ghandu jahlef skond dik il-formula;

Il-kontenzjoni tas-socjeta` appellanti ma jidherx li ghandha fondament. Meta wiehed jezamina t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-konvenut Silvio Magro a fol. 39 fl-okkazjoni fejn gie lilu deferit il-gurament isib illi hu gie mistoqsi "jekk hallasx il-*claim form*", u mhux ukoll, kif issa qed jinghad fir-rikors ta' l-appell, "jekk jiftakarx li hallas din il-*claim form*". Evidentement ghal dik ix-xorta ta' domanda r-risposta ta' l-imsemmi konvenut illi "jiena qatt ma hallast xejn fir-rigward ta' din il-*claim form*" tabbina ruhha sew mal-formula stabbilita bl-ewwel parti ta' l-Artikolu 2160 (1);

Huwa inutili, jekk mhux ukoll futili, illi s-socjeta` appellanti tissolleva f'dan l-istadju illi "l-mistoqsija ta' l-avukat ma gietx irrekordjata kollha fit-tape jew mit-Tribunal" ghaliex kieku dan kien verament hekk wiehed kien jissupponi illi, *a tempo debito*, u quddiem l-ewwel istanza s-socjeta` appellanti kienet tattira l-attenzjoni tal-Qorti dwar l-inezattezza ta' dik il-mistoqsija taghha. *Multo magis,* meta, kif inhu l-kaz, bejn id-data tax-xhieda (8 ta' Jannar, 2008), u d-data tas-sentenza (13 ta' Jannar, 2009) kien hemm id-dekors ta' sena zmien ghall-korrezzjoni opportuna tat-traskrizzjoni tax-xhieda. Mhix lanqas ta' soljev ghas-socjeta` appellanti s-sottomissjoni illi fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu quddiem it-Tribunal (28 ta' Frar, 2008, fol. 43) huwa rrileva illi l-konvenut gie mistoqsi jekk jiftakarx li l-haga gietx imhallsa, ghaliex, jekk saret, din il-mistoqsija mhix raffigurata fit-traskrizzjoni tax-xhieda. Is-socjeta` appellanti ghandha tifhem illi din il-Qorti ma tistax taghti fidi lil din is-sottomissjoni taghha kontra dak li jirrizultalha mill-atti u, in partikolari, ix-xhieda traskritta tal-konvenut;

Fic-cirkustanzi, il-konkluzjoni ma tistax allura hlief tkun illi "*eccepita la prescrizione e deferito il giuramento decisorio, la stessa s'intende compiuta, prestato il giuramento suddetto, per cui non è ammissibile alcuna prova contraria*" ("**Salvatore Jacono -vs- Vincenza Vedova Serra**", Appell Civili, 4 ta' Frar, 1927). Jikkonsegwi illi t-Tribunal kien ghal kollox korrett fejn irrespinga d-domanda bl-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni specifikata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------